IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru56 (sitta u ħamsin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Erbgħa, 3 ta' Jannar, 2018, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg<br>Antonia Buttiġieġ<br>Joseph Azzopardi |
| **Assenti b'apoloġija** | |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

56.1. Item Nru 56.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

56.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.42pm u kellna ittra ta' apoloġija tas-Sur Neil Attard li jinsab indispost u għalhekk gie kunstidrat bħala skużat.

56.2 Item Nru 56.2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

56.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvat unanimament.

56.3 Item Nru 56.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

56.3.1 SSTP – Is-Sindku qal li minkejja li tlabna l-Minuti tal-aħħar laqgħa tal-*Monitoring Committee* bqajna minajr risposta.

Is-Sur Valvo qal li l-Landscaping miexi sewwa suppost li kellu jitlesta sa Jannar 2018.

Rigward is-siġar għadhom ma bagħtulniex kif ser jidru. U huma ikkonfermawlna li ser jinxtraw kbar mil-ewwel.

56.3.2 Recreational centre – Is-Sindku qal li bħal issa hemm it-tender miftuħ tal-*finishings*. L-offerti għandhom jgħalqu nhar it-8 ta' Jannar f'12pm. Minn din is-sena il-Kunsill irid jaħtar bord tal-Evalwazzjoni li jkun kompost minn Perit, Accountant kif ukoll Avukat. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li jinħatru l-Perit Robert Ellul, l-Accountant Paul Bugeja kif ukoll l-Avukatessa Alicia Camilleri.

Il-Kunsill tkellem fuq dan il-proġett fejn ġie diskuss kif il-Kuntratt ta' Schembri għad fadallu l-aħħar affarijiet biex ikun komplut li huma id-dawl u s-*sanitary ware* fejn dawn ser jiġu jiswew madwar €17,000.

Il-Kuntrattur Schembri Barbros qabel li ikompli dan ix-xogħol pero hekk kif jitlesta l-madum u l-kumplament tal-finishings.

Rigward il-fencing il-Kunsill tkellem biex jara l-possibilta li jutilizza l-fondi tal-UIF li akkumulaw għal madwar €47,000. Għalhekk il-Kunsill qabel li nkelllmu lil Perit Robert Ellul sabiex naraw kemm jiġina u biex napplikaw mal-Planning Authority.

Il-Kunsill għadu jistenna mil-Med Design sabiex ilestu l-BOQs tar-rampa biex ngħadduha lil TM u jkunu jistgħu jibdew ix-xogħol.

56.3.3 *Jogging Track* - Is-Sur Valvo qal li il-Kunsill reġa bgħat reminder lis-Segretarju tal-Onor. Clifton Grima biex naraw kif ser nipproċedu.

56.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li dwar il-proposta tal-Gal Xlokk, il-Perit Robert Ellul tkellem mal-Planning Authority biex naraw jekk għandnix bżonn permess apposta biex isir dan it-tisbieħ. Għalhekk nistennew żviluppi sal-laqgħa li jmiss.

56.3.5 EU funds hitan tas-sejjiegh - Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill s'issa għadu ma rċieva l-ebda risposta fuq dan il-proġett.

56.3.6 Bring in Site – Is-Sindku qal li il-camera li għanda mal-BIS ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja qed tagħti l-frott u qed naqbdu n-nies. Il-Kunsill għadda dawn il-filmati lil-LESA biex jittieħdu l-passi neċessarji.

56.4. Item Nru. 56.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

56.4.1 Is-Sa Buttiġieġ staqsiet kif bqajna fuq il-Belisha lights ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Is-Segretarju qallha li minkejja diversi reminders għadna minajr risposta.

56.4.2 Is-Sinjura Antonia Buttigieg qalet li l-bins tal-klieb ġew tajbin ħafna.

IX-XGĦAJRA

56.4.3 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq il-*bus shelter* ta' fejn il-knisja u s-Segretarju qallha li l-istima għadu ma irċevijiex.

56.4.4 Is-Sa. Borg qal li bħala presepji u tipinġijiet tal-milied kellna 22 tifel u tifla. Issa imiss biex niffissaw ġurnata biex inqassmu c-certifikati u t-tifkira żgħira. Għal din l-okkażjoni nistgħu nistiednu wkoll lil ġenituri.

56.4.5 Is-Sa. Buttiġieġ staqsiet fuq Triq il-Fabbriki jekk smajniex xi ħaġa pero s-Segretarju u s-Sindku irrispondew fin-negattiv.

56.4.6 Is-Sur Joseph Azzopardi staqsa jekk meta tkun lesta s-sala ta' taħt il-bandli tistax issir bħala ċentru għal anzjani wkoll. Is-Sindku qallu li dik is-sala ser tkun multipurpose hall u għalhekk inkunu nistgħu nużawha għal ħafna affarijiet differenti.

56.5. Item Nru 56.5 fuq l-Aġenda – Rapporti

56.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

56.6. Item Nru. 56.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

56.6.1 Ma kienx hemm affarijiet oħra.

56.7. Item Nru. 56.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

56.7.1 Pagamenti b'numru 67 ġew approvati b'astenzjoni waħda.
.

56.8. Item Nru. 56.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet

56.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

56.9. Item Nru. 56.9 fuq l-Aġenda - Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-ħaddiema tal-Kunsill

56.9.1 Is-Sindku ippreżenta l-performance Appraisal tal-ħaddiema tal-uffiċċju u irrakomanda li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-*performance bonus* kollu ta' 10% u l-Assistent Principals jingħataw il-massimu ta' 6%. Din ir-rakkomandazzjoni ġiet issekondata mil-Kunsillier is-Sur Joseph Azzopardi u approvata b'mod unanimu mil-Kunsill.

56.10 Item Nru. 56.10 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

56.10 Il-laqgħa ntemmet fit-7.15pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 6 ta' Frar, 2018 fil-5.30pm

IFFIRMAT

______________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMAT

______________________

Anthony Valvo

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt